MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2008

Appell Kriminali Numru. 129/2008

**Il-Pulizija**
**Vs**
**George Falzon**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fit-3 ta' Lulju, 2007, ghall-habta tal-11.00 a.m. gewwa Haz-Zabbar

1. ghamel uzu minn systems jew apparat tat-telekomunikazzjonijiet provdut minn kumpanija awtorizzata mhux ghal ghanijiet li ghalihom huwa provdut, jew naqas milli josserva struzzjonijiet mahruga mill-kumpanija awtorizzata li pprovdiet din is-sistema jew apparat tat-telekomunikazzjonijiet jew ghamel uzu minnu mhux sew;
2. fl-istess cirkostanzi hedded bi kliem lil Carmelo Falzon u Mary Gelfo;

3. bl-imgieba tieghu ikkaguna lil haddiehor biza’ li ser tintuza vjolenza kontra Carmelo Falzon u Mary Gelfo jew kontra l-propjeta’ ta’ xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti ahwa subien jew bniet jew xi persuni msemmija.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tad-29 t’April, 2008, li biha, wara li rat l-artikoli 339(1)(e) u 251B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta , w li l-ewwel akkuza giet irtirata mill-prosekuzzjoni, filwaqt fuq it-tieni w it-tielet akkuza li jirrizultaw illiberat lill-appellant taht il-provediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn (2).
Inoltre l-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 383(1) tal-Kap. 9, rabtet lill-appellant b’obbligazzjoni personali ta’ mitejn u tnejn u tletin Euro w erba’ w disghin centezmi ta’ Euro (€ 232.94) ekwivalenti ghall-mitt lira Maltin (LM100) li jzomm il-kwiet ma’ Carmelo Falzon u Mary Gelfo ghal zmien sena.
Finalment il-Qorti tat lill-appellant l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fid-9 ta’ Mejju, 2008, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata billi tiddikjarah mhux hati tal-imputazzjonijiet dedotti w kwindi tilliberah skond il-ligi w, minghajr pregudizzju, f’kaz li l-appell ma jintlaqax li tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena billi minflok tigi mposta piena aktar ekwa ghal kaz odjern.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, jikkonsistu fis-segwenti w cioe' :- a) il-fatt li l-ewwel akkuza giet irtirata, jimmilita favur l-appellant li qed itenni li dan hu kaz iehor meta l-kwerelant qed jara kif jaghmel basta jaghmel hsara lill-imputat. b) li mix-xhieda rrizulta li l-appellant qatt ma tkellem ma Carmelo Falzon. Mary Gelfo wriet diffikulta' meta giet mistoqsija jekk gharfitx il-vuci. Biex tehles hafif u

b' mod zbaljat indikat li la l-appellant jigi huha, deherilha li kien hu. c) irrizulta li Carmelo Falzon u wliedu huma miggieldin mal-ulied is-subien u mal-mara tat-tifel Victor Falzon. d) fil-kontro-ezami Mary Gelfo ma kienetx certa w uriet certu dubju ta' min kienet il-vuci fuq it-telefon. Li fl-istess gurnata w seduta l-appellant kien gie liberat fuq akkuza li ressaq u dan irrabja ghal kollox lill-kwerelat (Sic!) u uliedu bniet. f) li irrispettivament x' hassew il-kwerelati (Sic!) kollha, rrizulta dubju serju w *"in dubio pro reo."*

Semghet ix-xhieda mill-gdid fl-udjenza tad-9 t' Ottubru, 2008;

Semghet it-trattazzjoni;

Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghall-udjenza tal-lum ghas-sentenza;

Ikkonsidrat.

**MARY GELFO** xehdet li fit-3 ta' Lulju, 2007, ohtha Connie Falzon kienet irceviet telefonata. Ix-xhud kienet barra dak il-hin u rrispondiet ohtha. Meta hi waslet lura, ohtha kienet ghadha fuq il-linja mieghu w ohtha qalet lil min kienet qed tkellem : *"Stenna ohti waslu. Kellem lilhom."* Pero', skond ohtha dan qalilha : "*Le , mhux ser inkellem lilhom."* u qata'. Wara ohtha qaltilhom li kien cempel l-appellant u kien heddidhoma biex ihalluh bhal speci bi kwietu. Kien qalilha li ha jaghtihom xebgha quddiem l-Imhallef meta jitilghu il-Qorti fil-kawza fuq proprjeta' li ghandhom kontra xulxin. Din ma kienetx l-ewwel darba li heddidhom lilha u lill-missiera ghax gja kien heddidhom drabi ohra. Wara marret taghmel rapport l-ghassa.

**CONNIE FALZON** xehedet li hi, ohtha Mary Gelfo w misierha joqghodu flimkien. Kien hemm hi biss id-dar dak in-nhar tat-3 ta' Lulju, 2007, f' xil-11am, meta huha, l-appellant, cempel it-telefon. Qalilha : *"Jien huk, George Kartieri. Hu naqra pacenzja. Ghid lil missieri w lill-ohti li la nitla' l-Qorti naghtihom xebgha quddiem l-Imhallef, ghax*

*ma nibza' minn hadd."* Qaltu *: "Jien m'ghandix x' naqsam ma dawn l-affarijiet."*

Dak il-hin waslu ohtha w missierha u hi qaltlu : *"Hu pacenzja..mhux ahjar tghid lilhom?"* Wegibha *"Le. Ghidilhom int."* u qatghalha t-telefon. Kien huha. Lehnu tgharfu.

In kontroezami, ix-xhud qalet li huha l-appellant kien mizzewweg u kien telaq mid-dar xi tmintax il-sena ilu. Hi qatt ma kellha xi tghid mieghu. Hi qatt ma kellmitu imma meta kienet hajja ommha kien jigi d-dar jarha u kienet tarah ikellem lill-ommha. U zgur li taghraf lehen huha. Hi xebba d-dar u dejjem ma missierha w ommha. Ommha ilha mejta xi disa' snin.

**CARMELO FALZON** xehed li dak in-nhar l-appellant kien cempel u hallielu risposta ma bintu Connie li ser jaghti xebgha lilu u lil bint ix-xhud quddiem l-Imhallef.

**L-APPELLANT** xehed li ma kienx cempel fit-3 ta' Lulju, 2007, lanqas darba biss ghax dawk jekk jista' jkun lanqas irid affari maghhom. Ghandu kwistjoni ma missieru fuq biegh ta' xi charabanc li biex jiffirma missieru kien esiga LM15,000. Mistoqsi mill-Qorti jekk hux veru jew mhux veru li kien cempel lil ohtu dak in-nhar, wiegeb: *"M'ghandix ghalfejn naghmillhom telefonati , Sur Imhallef….Le. Ma cempiltx."*

Mistoqsi in kontro-ezami ma min kellu problemi fil-familja, l-appellant wiegeb *"…jien problemi ghal grazzja t' Alla m'mghandi ma hadd. Pero' hemm ohti Maria Falzon li qeghdha warajja ..taqla' l-problemi ma kullhadd ghax hi tmexxieh lil missieri."* Mistoqsi jekk ghandux problema maghha, wiegeb: *"M'ghandi xejn. Lanqas irrid inkellimha …."* Mistoqsi jekk ma kellux problemi ma ohtu Connie, ghalfejn din xehdet li kien cempel hu qal dak il-kliem, l-appellant wiegeb li : *"Huma ghal kull xejn gejjin u sejrin l-ghassa ma huti kollha ta' dawn jitilghu il-Qorti. Ahna qeghdin tminja. Mat-tminja jitilghu il-Qorti. Jaraw kif ha jaqbdu maghhom. Issa l-ohrajn ma jistghux jaffordjaw dawn l-affarijiet.* Hutu kollha jkellmuh. Hamsa minnhom

jigu jistaqsu lilu x' ser jaghmlu w hu jghidilhom "*Hudu pacenzja u taghtux kaz. Oqghodu 'l boghod halli ma taghlux.* " Il-gimgha ta' qabel hutu kellhom problema ma huh Charlie Falzon u martu, mara marida biz-zokkor. Temm jghid : *"Kemm hemm stejjer uh u l-istejjer ghadhom gejjin."*

Ikkonsidrat;

Illi l-kwistjoni kollha tirrizolvi ruha bhala wahda ta' kredibilita' bejn il-versjoni ta' Connie Falzon u dik moghtija mill-appellant huha. Connie Falzon hi sa certu punt korroborata minn missieha Carmelo w minn ohtha Mary Gelfo ghax dawn dahlu id-dar meta hi kienet ghadha fuq il-linja mal-appellant. Hi tinsisti li gharfet lehen l-appellant u hu stess qalilha li kien George.

Bil-mod, pjuttost evaziv u sa certu punt kontradittorju kif xehed l-appellant quddiem din il-Qorti, ftit li xejn jispira kredibilita'. Invece Connie Falzon xehdet b' mod dispassjonat u konvincenti w ghalhekk din il-Qorti ma tarahiex bi kbira li l-Ewwel Qorti emmnet - kif kellha kull dritt li temmen - il-versjoni tal-fatti kif narrati minn Connie Falzon li hi ukoll, sa certu punt indirettament korroborata mix-xhieda l-ohra tal-prosekuzzjoni. Veru li dak li qalu Carmelo Falzon u Mary Gelfo dwar it-telefonata huwa *"hearsay"* ghax qed jirrepetu x' qaltilhom Connie Falzon, pero' ix-xhieda taghhom tikkorrobora sa certu pont lil Connie Falzon li kien hemm telefonata w li hekk kif spiccat Connie Falzon irreferiet il-kontenut taghha lilhom *"a tempo vergine".*

Fic-cirkostanzi ghalhekk din il-Qorti ma tarax li hemm raguni li ma taqbilx mal-ewwel Qorti fl-accettazzjoni tal-versjoni ta' Connie Falzon kontra dik moghtija mill-appellant. Kif gie ripetutament ritenut minn din il-Qorti: "*mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f' hix ser*

*temmnu jew ma temmnux.* (Ara App. Krim. **"Il-Pulizija vs. Joseph Thorne"** [9.7.2003] u ohrajn)

Konsegwentement, una volta li tigi accettata l-versjoni ta' Connie Falzon, it-tieni w t-tielet akkuza jirrizultaw sodisfacentement pruvati w ghalhekk l-aggravji tal-appellant huma infondati w qed jigu respinti.

Ikkonsidrat;

Li fir-rigward tat-talba biex tigi riformata l-piena , il-principju regolatur hu li **mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (Ara. "Ir-Repubbblika ta' Malta vs. David Vella" [14.6.1999] , "Ir-Repubbblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina" [24.4.2003] u ohrajn.). F'dan il-kaz il-provvediment ta' liberazzjoni kondizzjonata maghmul mill-Ewwel Qorti hu decizament entro l-parametri tal-ligi u kien ovvjament intiz biex jassikura li bejn l-appellant, missieru w hutu, tirrenja l-paci - anki jekk taht ix-xabla ta' Damokle - ghal certu periodu twil ta' zmien. Ghalhekk din il-Qorti ma tarax ghaliex ghandha tvarja dan il-provvediment maghmul taht il-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta..**

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata fl-intier taghha, b' dan pero' li t-terminu tal-liberazzjoni kondizzjonata ta' sentejn jibda jiddekorri mill-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------